**26 ta' Awissu, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Borg Inguanez

## Serq - Serq ta' Ħaġa Proprja - *Clamping - Towing*

*Fil-każ ta' vettura* *ikklampjata* *dik il-vettura tkun ġiet, b'effett tal-volontà ċara tal-leġislatur, imneħħija temporanjament mil-libera disponibbilità tas-sid, fis-sens li qabel ma s-sid iħallas id-dritt jew drittijiet dovuti, hu taħt ebda ċirkostanza ma jista' jieħu lura dik il-vettura. Sakemm ma jitħallasx dak id-dritt jew jitħallsu dawk id-drittijiet, il-vettura għandha titqies, ankorkè temporanjament, "altrui" għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi tas-serq, b'mod li jekk is-sid tagħha jaqbad u jeħodha biex ikompli jgawdiha, ikun qed jikkommetti serq.*

*Huwa veru li r-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru fir-Regolamenti tat-Traffiku jipprovdu għar-reat speċifiku ta' min jittanta jneħħi jew ineħħi l-klampi li jkunu tqiegħdu mar-roti jew jittanta jneħħi jew ineħħi l-vettura bil-klampi mqiegħda mar-roti tagħha; iżda dan ir-Regolament qed jikkontempla mhux l-ipotesi ta' min jimpossessa ruħu mill-vettura biex jagħmel użu minnha* qua dominus, *f'liema każ ikun hemm is-serq, iżda s-sitwazzjoni ta' min ibagħbas mal-klampi jew sempliċement iċaqlaq vettura bil-klampi mqiegħda mar-roti minn post għal ieħor mingħajr il-ħsieb li jimpossessa ruħu minnha.*

*Għal dak li jirrigwarda vetturi li jkunu ġew sempliċement irmunkati, ma jidhirx li r-regolamenti ta' l-Avviż Legali 94 ta' l-1997 jipprovdu tassattivament li l-vettura ma tistax tiġi ritornata lil sidha qabel ma jitħallas id-dritt ta' rmonk u tal-ħażna. Ma hemm xejn f'dawn ir-regolamenti li jipprekludu lill-Kummissarju milli hekk jirritorna l-vettura u jekk id-dritt jibqa' ma jitħallasx, li jipproċedi ċivilment għal dawk id-drittijiet. Fi kliem ieħor il-leġislatur jittratta b'mod differenti l-vetturi kklampjati minn dawk li jkunu biss irmonkati, b'mod li ma jistax jingħad li dawn ta' l-aħħar ġew imneħħija b'mod sostanzjali mil-libera disponibbilità tas-sidien tagħhom (bħalma hu l-każ tal-vetturi kklampjati). Għalhekk fil-konfront ta' vettura li tkun ġiet sempliċement irmonkata u mhux ukoll ikklampjata, tali vettura, waqt li tkun fil-pussess tal-pulizija, ma tistax titqies li tkun "altrui" għall-finijiet ta' l-estremi tar-reat ta' serq.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Anthony Borg Inguanez talli: (1) fit-13 ta' Awissu, 1997, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu ikkommetta serq tal-karozza ta' għamla Skoda mis-Sliema Car Park, High Street, tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur, li jeċedi l-mitt lira Maltija (Lm100) iżda ma jeċċedix l-elf lira Maltija (Lm1,000) u aktar talli; (2) fl-istess lok, lejl u ċirkostanzi, bħal ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsar kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorità tiegħu nnifsu, li xi ħadd jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Marzu, 1998, li permezz tagħha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Anthony Borg Inguanez mill-ewwel imputazzjoni, iżda sabitu ħati skond it-tieni imputazzjoni, u lliberatu skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor

għall-perijodu ta' *tmintax-il xahar mid-data ta' l-imsemmija* sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu ppreżentata fis-16 ta' Marzu, 1998, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li l-appellat jiġi ddikjarat ħati tar-reat ta' serq;

Rat l-atti kollha tal-kawża; ikkunsidrat:

Il-fatti ta' dan l-appell huma brevement is-segwenti. L-appellat, li hu proprjetarju ta' vettura Skoda bin-numru ta' reġistrazzjoni IAU-478, kien ħalla din l-istess vettura pparkeġġjata f'post pubbliku f'San Ġiljan minn fejn ġiet irmunkata mill-pulizija u meħuda f'*car park* f'Tas-Sliema. L-appellat mar l-Għassa ta' San Ġiljan fejn qalulu li l-karozza kienet ġiet irmunkata u meħuda fil-*car park* imsemmi, u qalulu ukoll li kellu jħallas Lm45 biex ikun jista' jeħodha lura. Minflok ma ħallas, l-appellat mar fil-*car park* u, minkejja li ġie mwissi mill-persuna hemm addetta mal-parkeġġ li ma setax jaqbad u jieħu l-vettura, hu daħal fiha u saqha lejn id-dar. Dan ġara fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Awissu, 1997. L-għada filgħodu l-pulizija sabu lill-appellat u reġgħu ħadu l-vettura lura fil-*car park*. Il-ħamsa u erbgħin lira, più d-dritt ta' tliet liri oħra kuljum għaż-żmien li l-vettura damet maħżuna għand il-pulizija, tħallsu mill-appellat fis-7 ta' Awissu, 1997 (ara l-verbal tat-3 ta' Frar, 1998, fol. 37 ta' l-atti);

L-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat, allura imputat, mill-ewwel imputazzjoni peress li rriteniet li ġaladarba hu stess kien is-sid tal-vettura ma setax jikkonfigura r-reat ta' serq, peress li persuna ma tistax tisraq oġġetti li huma proprjetà tagħha, iżda biss oġġetti li jkunu jappartjenu lil terzi. *L-Avukat Ġenerali qed* jikkontendi li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni inkompleta

jew skorretta tal-liġi meta rriteniet li biex ikun hemm serq l-oġġett in kwistjoni bilfors irid ikun jappartjeni lil terzi. Fi kliem ieħor l-Avukat Ġenerali qed jikkontendi li jista' jkun hemm dak li jissejjaħ *furto di cosa propria*;

Din il-kwistjoni, ossia jekk persuna tistax tisraq oġġett li jkun jappartjeni lilha, ġie dibattut minn ħafna ġuristi. L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraċċjata fil-ġurisprudenza tagħna hi dik tal-Carrara, u ċjoè:

"*La contrettazione* (mhux *contracettazione* kif ripetutament hemm imniżżel fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti) *dolosa della cosa altrui, fatta "invito dominio", con animo di farne lucro*";

(ara **Il-Pulizija** *vs* **Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija** *vs* **Pawlu Scicluna** *et*, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Iżda din id-definizzjoni hi ukoll suġġetta għall-interpretazzjoni dottrinali u ġurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza għad-definizzjoni ta' serq mogħtija fl-artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

"*Obiettivamente, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed. ), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229);

Il-kwistjoni jekk fil-liġi tagħna persuna tistax tinstab ħatja ta' serq ta' ħaġa proprja ġà ġie dibattut u deċiż awtorevolment mill-Qorti Kriminali (sedenti Sir George Borg, President, u l-Imħallfin Ganado u Harding) fis-sentenza tat-23 ta' Frar, 1945 fl-ismijiet **R.** ***vs*** **Joseph Degiorgio** (Kollez. Deċiż. Vol. XXXII.IV.596). Dik il-Qorti kienet qalet hekk:

"Din hija l-kwistjoni gravi tal-*furto di cosa propria*, li fuqha d-dottrina hija diskordi. Dina l-Qorti, però, wara li kkunsidrat l-argumenti dottrinali, tippropendi li taċċetta t-teorija sostnuta, fost oħrajn, mill-Pessina (Elementi di Diritto Penale, Vol. 2, p. 179 u 210) mil-Lucchini (Intorna alla Sottrazione di Cose Sequestrate o Pignorate, Rivista Penale, XXXIII, 5) mill-Arabia (Diritto Penale, Ediz. 1859, Parte III, paġ. 305) u mill-Marciano (Del Delitti contro la Proprjetà, paġ. 19) u tirritjeni għalhekk li r-*res propria* tista' xi mindaqqiet, għal ċerti kondizzjonijiet ġuridiċi, tiġi kkunsidrata bħala ħaġa ta' ħaddieħor meta l-proprjetarju, b'effett ta' ċerti rapporti ġuridiċi, ma jkollux id-disposizzjoni libera tal-ħaġa, kif inhu appuntu l-każ meta l-ħaġa tkun qiegħda b'rahan jew altrimenti sottratta mil-libera disponibilità tal-proprjetarju. Jista' jiżdied illi d-Dritt Ruman Antik (Framm. 10, 14, *Instutut. de obligat, quae ex del.*) kien ikkonsakra din l-istess dottrina. Jista' ukoll jingħad illi t-tendenza legali Ingliża hija ukoll f'dana s-sens (ara Archbold's Criminal Pleadings, Evidence and Practice, 1943, Edit., p. 518, fejn jgħid: "*A man cannot commit larceny of his own goods, unless they be in the hands of a bailee*" - p. 597);

B'referenza għal din is-silta minn din id-deċiżjoni, din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel is-segwentti kummenti. Qabel xejn għandu jingħad li mill-1945 'il hawn, il-liġi Ingliża in materja ta' *theft* inbidlet konsiderevolment, u llum is-serq hu rregolat bit-*Theft Act, 1968*, li l-artikolu 5 tiegħu jagħti definizzjoni esawrijenti ta' l-espressjoni "*belonging to another*" in kwantu jirrigwarda l-oġġett allegatament misruq. Għandu

jingħad ukoll li apparti mit-teorija tal-Pessina, Lucchini, Arabia u Marciano hemm teoriji opposti, fosthom dawk tal-Carrara, tal-Crivellari u ta' l-Impallomeni (ara r-rassenja, mhux għal kollox esawrijenti tal-Majno, Commento al Codice Penale Italiano, UTET, 1924, Vol. IV, para. 1839). Infatti jidher li kemm taħt ir-reġim tal-*Codice Zanardelli* kif ukoll taħt dak tal-*Codice Rocco*, id-dottrina u l-ġurisprudenza itendu li jiffavorixxu t-teorija li ma jistax ikun hemm serq ta' ħaġa proprja. Dan hu dovut, iżda għall-fatt li f'dawn iż-żewġ kodiċijiet hemm - a differenza tal-kodiċi tagħna - definizzjoni ta' serq, fis-sens li l-leġislatur qal espressament x'inhuma l-estremi tar-reat mingħajr għalhekk ma ħalla wisq spazju għad-dottrina u l-ġurisprudenza; kif ukoll għall-fatt li f'dawn iż-żewġ kodiċijiet wieħed isib disposizzjonijiet li jolqtu espressament sitwazzjonijiet (eż. ir-rahan jew is-sekwestru ġudizzjarju) li dwarhom jitkellmu dawk l-awturi li huma favur it-teżi li jista' jkollok serq ta' *cosa propria*. Hija proprju din it-tieni raġuni li l-ġurista Francesco Antolisei jġib 'il quddiem bħala l-vera raġuni għala l-kelma *altrui* fl-artikolu 624 tal-Kodiċi Penali Taljan viġenti ma tistax tingħata interpretazzjoni wiesa' bħalma ngħatat mill-Qorti Kriminali tagħna. Infatti dana l-awtur, wara li jfisser iż-żewġ aspetti possibbli ta' l-espressjoni *cosa altrui*, ikompli hekk:

*"Contro la prima eccezione di altruità si è detto che essa è in contrasto con la lettera della legge, perchè la parola "altrui", secondo il linguaggio corrente, significa "di proprietà di altri", e si è inoltre osservato che è contradittorio considerare un bene contemporaneamente proprio ed altrui.*

*Questo argomento letterale non è decisivo, sia perchè a priori non può escludersi che la legge penale attribuisca ai termine "altrui" un significato diverso da quello comune, sia perchè la cosa su cui ha un diritto di godimento o di garanzia, se fa parte del patrimonio del proprietario, fa parte anche del patrimonio del titolare del diritto.*

*Ciò che veramente ostacola l'interpretazione lata è, a nostro avviso, il sistema della legge. L'articolo 627 del codice, infatti, punisce con pena più lieve di quella sancita per il furto il comproprietario, il socio, il coerede che si impossessa della cosa comune. Orbene, questo speciale trattamento sarebbe del tutto ingiustificato, se la persona che sottrae la cosa di sua spettanza al legittimo possessore fosse responsabile di furto, perchè senza dubbio, almeno di regola, in tale ipotesi il danno è meno grave di quello che si verifica allorchè viene sotratta una cosa che in parte è di altri.*

*Anche più significativo è il disposta dell'articolo 334 c.p., il quale all'ultimo comma prevede espressamente il caso del proprietario che sottrae o distrugge la cosa propria sottoposta a sequestro che non sia affidata alla sua custodia. Per tale fatto è sancita una tenue pena, detentiva e pecuniaria. Evidentemente questa particolare disposizione dimostra che per il nostro legislatore il proprietario che sottrae una cosa posseduta legittimamente da altri non commette furto, perchè altrimenti la disposizione medesima non avrebbe ragion d'essere*" (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale, Giuffè (Milano), 1986, Vol. 1, pp. 223-224);

Fil-liġi tagħna, invece, ma hemm ebda disposizzjonijiet simili. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiddipartixxi mill-insenjament ikkontenut fis-sentenza **R. *vs* Joseph Degiorgio**, u ċjoè li f'ċerti każijiet il-proprjetarju ta' oġġett jista' jkun ħati tas-serq ta' dak l-istess oġġett, u ċjoè meta ma jkollux id-disposizzjoni libera ta' dak l-oġġett jew meta dak l-oġġett ikun altrimenti ġie sottratt mil-libera disponibilità tiegħu. F'tali sens, għalhekk, l-Ewwel Qorti ma għamlitx enunċjazzjoni kompleta ta' l-ipotesi tal-liġi u konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Ġenerali hu wieħed ritwali;

Jibqa', naturalment, biex jiġi kkunsidrat jekk il-fatti tal-każ in diżamina jinkwadrawx f'xi waħda mill-ipotesijiet fejn jista' jkun hemm serq tal-ħaġa proprja;

Il-vettura ta' l-appellat ġiet irmunkata u ttieħdet fil-*car park* in kwistjoni in forza tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru fir-Regolament tat-Traffiku (A.L. 94/1997). Dawn ir-regolamenti jipprovdu li vettura li tkun ġiet ikklampjata ma tistax tittieħed lura minn sidha qabel ma dan iħallas id-dritt jew drittijiet skond l-istess regolamenti, u dan sia hekk il-vettura tkun għadha fit-triq u sia jekk tkun ġiet irmunkata u meħudha f'maħżen. Dan joħroġ mir-regolament 5, li jipprovdi li:

"Il-klampi tar-roti la għandhom jitneħħew mill-Kummissarju u lanqas m'għandha l-vettura tiġi ritornata lil sidha qabel ma jkun tħallas dritt impost mill-Kummissarju skond dawn ir-regolamenti ...";

Fil-każ, għalhekk, ta' vettura ikklampjata dik il-vettura tkun ġiet, b'effett tal-volontà ċara tal-leġislatur, imneħħija temporanjament mil-libera disponibilità tas-sid, fis-sens li qabel *ma s-sid iħallas id-dritt jew drittijiet dovuti, hu taħt ebda* ċirkostanza ma jista' jieħu lura dik il-vettura. Sakemm ma jitħallasx dak id-dritt jew jitħallsu dawk id-drittijiet, il-vettura għandha titqies, ankorkè temporanjament, *altrui* għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi tas-serq, b'mod li jekk is-sid tagħha jaqbad *u jeħodha biex ikompli jgawdiha, hu jkun qed jikkommetti serq.* Huwa veru li r-regolamenti in kwistjoni jipprovdu għar-reat speċifiku ta' min jittanta jneħħi jew ineħħi l-kalmpi li jkunu tqiegħdu mar-roti jew jittanta jneħħi jew ineħħi vettura bil-klampi mqiegħda mar-roti tagħha (*with clamped wheels* fit-test *Ingliż) (regolament 5 (1)); iżda dan ir-regolament* qed jikkontempla mhux l-ipotesi ta' min jimpossessa ruħu mill-

vettura biex jagħmel użu minnha *qua dominus* (f'liema każ, kif diġà ngħad, ikun hemm is-serq) iżda s-sitwazzjoni ta' min ibagħbas mal-klampi jew sempliċement iċaqlaq vettura bil-klampi mqiegħda mar-roti minn post għal ieħor mingħajr il-ħsieb li jimpussessa ruħu minnha kif ingħad;

Però għal dak li jirrigwarda vetturi li jkunu ġew sempliċement irmunkati skond ir-regolament 3, ma jidhirx li r-regolamenti in diżamina jipprovdu tassattivament li l-vettura ma tistax tiġi ritornata lil sidha qabel ma jitħallas id-dritt ta' rmonk u tal-ħażna. Ma hemm xejn f'dawn ir-regolamenti li jipprekludu lill-Kummissarju milli hekk jirritorna l-vettura u, jekk id-dritt jibqa' ma jitħallasx, li jipproċedi ċivilment għal dawk id-drittijiet. Fi kliem ieħor il-leġislatur jittratta b'mod differenti l-vetturi kklamjati minn dawk li jkunu biss irmunkati, b'mod li ma jistax jingħad li dawn ta' l-aħħar ġew imneħħija b'mod sostanzjali mil-libera disponibilità tas-sidient tagħhom (bħalma hu l-każ, kif diġà ngħad, tal-vetturi kklampjati). Dan jista' jkun nuqqas da parti tal-leġislatur, iżda din il-Qorti ma tistax tikkolma tali *lacuna*. Għalhekk fil-konfront ta' vettura li tkun ġiet sempliċement irmunkata u mhux ukoll ikklampjata; tali vettura, waqt li tkun fil-pussess tal-pulizija, ma tistax titqies li tkun *altrui* għall-finijiet ta' l-estremi tar-reat ta' serq;

Fil-każ in diżamina, il-vettura ta' l-appellat ma kinitx ġiet ikklampjata, iżda biss irmunkata, u għalhekk, għar-raġunijiet ġà mogħtija, ma jistax jingħad li meta hu mar u ħadha u telaq biha kienu jikkonkorru l-elementi kollha tas-serq;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.